Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 339/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Aaron Steven Stewart Edward Ritchie talli:

1) Nhar it-3 ta’ Awwissu 2004, ghall-habta tas-1.15 ta’ wara nofsinhar, gewwa Rahal Gdid, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` dak ta’ serq minn vettura ta’ l-ghamla Bedford, mudell Astra, ta’ lewn hamrani u bin-numru ta’ registrazzjoni FAV-283, li kienet tinsab ipparkeggjata fi Triq il-Foss, Rahal Gdid, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex

esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta` tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jiskorrix l-elf liri Maltin (Lm1000), ghad-dannu ta' Gordon Debono minn Birkirkara bhala Direttur tal-Kumpanija Mr. Handyman Ltd;

2) sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi;
3) Kiser il-kundizzjonijiet u diversi sentenzi imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet u sentenzi saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Dicembru 2005, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Aaron Steven Stewart Edward Ritchie hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u minnhom illiberatu izda sabitu ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Aaron Steven Stewart Edward Ritchie pprezentat fis-7 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati u cioe` fl-imputazzjoni (2) u fl-imputazzjoni (3);
2. thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati u cioe` fl-imputazzjoni (1) u kwindi minnha tilliberah skond il-ligi mill-imputazzjonijiet, htija w piena;
3. minghajr pregudizzju f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriformaha fil-parti tal-piena u cioe` fl-imputazzjoni (1) moghtija mill-ewwel Qorti u tinfliggi piena iktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji: (1) li fl-ebda hin ma gie ppruvat li r-reat in kwistjoni kien ghad-dannu ta' Gordon Debono bhala direttur tal-kumpanija Mr. Handyman u jirrizulta illi l-karrozza in kwistjoni kienet tappartjeni lil persuna legali distinta u cioe` lil Malta Directories Limited, b'hekk li ma setghetx tinstab htija; (2) il-piena nflitta kienet wahda harxa z-zejjed.

Rigward l-ewwel aggravju jirrizulta mill-atti illi fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2005 xehed Brian Farrugia, rapprezentant tal-Licensing Office, li qal li l-vettura FAV-283 hija registrata f'isem Gordon Debono, on behalf of Malta Directories Ltd., u ilha hekk mis-27 ta' Mejju 2004. Mill-banda l-ohra l-prosekuzzjoni ddikjarat li l-vettura in kwistjoni ssejjah lill-kumpanija Mr. Handyman Ltd. u registrata f'isem Gordon Debono.

F'dar-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

**"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."**

Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti (*"avviso a comparire"*). Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

**"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma**

**jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: *'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet *I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami*)."**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:**

**"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita`' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**.....**

**Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-**

**citazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."**

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** moghtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

**"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."**

Fil-kaz in ezami c-citazzjoni kif redatta tikkontjeni l-elementi kollha rikjesti mil-ligi u l-appellant kien jaf sew ghal liema reat kien imsejjah biex iwiegeb, dak ta' tentattiv ta' serq tal-vettura FAV-283 – jekk din il-vettura kinitx tappartjeni lill-kumpanija Mr. Handyman Ltd. jew lill-kumpanija Malta Directories Ltd. huwa immaterjali ghaliex ma tinbidilx in-natura tar-reat in kwistjoni. Dak li rrizulta mix-xiehda ta' Brian Farrugia dwar l-isem tal-kumpanija seta' semmai ta lok ghal talba biex issir korrezzjoni fic-citazzjoni minghajr lanqas il-htiega li ssir notifika mill-gdid peress illi l-appellant ma kienx jista' jargumenta li kien sejjer jigi b'xi mod pregudikat b'tali korrezzjoni.

Tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Spiru Spiteri** (Vol. XXXIX.iv.986) moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Marzu 1955 (per l-Imhallef William Harding), li kien jikkoncerna kaz fejn giet milqugha talba tal-prosekuzzjoni ghal korrezzjoni fid-data, nonostante l-oppozizzzjoni tad-difiza fuq il-motiv li din giet mitluba wara li nstemghu l-provi tal-prosekuzzjoni u wara li d-difiza kienet saret, u fejn is-sentenza nghatat fl-istess gurnata, u fejn din il-Qorti kif diversament presjeduta rriteniet l-ewwel nett illi l-Qorti mhix obbligata tiddifferixxi l-kawza, meta tkun saret korrezzjoni, jekk ma ssirx talba ghad-differiment mill-imputat. U mbaghad ziedet tghid hekk:

**"Lanqas hu l-kaz li jinghad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien 'deceived' jew 'misled', jew b'xi mod pregudikat; ghax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fic-citazzjoni ma setghux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruhu …. Fil-prim'istanza, fejn il-korrezzjoni tac-citazzjoni tista' ssir, il-pregudizzju, ghall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma ghandux jigi maghmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruhu minn zball tal-prosekuzzjoni, imma filli genwinament, minhabba dak l-izball, hu jkun gie b'xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiza.**

**Lanqas ghandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjah 'variance'; ghax appuntu 'variance' hi deskritta fil-gurisprudenza Ingliza bhala 'some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence' (ara Martin vs. Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630).”**

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Noel Falzon** ta’ l-20 ta’ Frar 2006 fejn l-ewwel Qorti kienet ordnat korrezzjoni fid-data fis-sentenza finali taghha.

Fil-kaz in ezami l-appellant kien jaf precizament kontra liema fatti hu kellu jiddefendi ruhu. Dan wara kollox johrog car anke mill-istqarrija tieghu meta gie interrogat mill-Pulizija[1]. U ma jistax jghid illi minhabba l-imsemmi zball fl-isem tal-kumpanija huwa gie “imfixkel fil-mezzi tad-difiza”.

Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

Dwar il-piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

---

[1] A fol. 17 – 19 tal-process.

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta'**

Il-piena applikabbli f'dan il-kaz huwa ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin li ma tinghatax fil-*minimum* izda mnaqqsa skond l-artikolu 41(1)(a) bi grad ghal xahrejn sa sentejn (allura mhux anqas minn seba' xhur u ghaxart ijiem) jew b'zewg gradi ghal xahar sa tmintax-il xahar (allura mux anqas minn hames xhur u ghoxrin jum). Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet entru l-parametri tal-ligi.

U kif jinghad f' **Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on**

---

**Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [3]

Din hija l-posizzjoni ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha kemm inferjuri kif ukoll superjuri[4] u ghalhekk, u anke wara li din il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant, hija ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Page 1695, para. D23.45
[4] Ara **Ir-Repubblika ta' Malta v. Kandemir Meryem Nilgum et** deciz fil-25 ta' Awissu 2005.